**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 7 - L-ERBGĦA 18 TA' DIĊEMBRU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19.00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija | Noel Gatt | Kunsillier |
| | | |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-*internet* kif ukoll fuq il-paġna ta' *Facebook*.

- Noti: Qabel bdiet il-laqgħa, ngħata l-Premju – Ħidma b'Risq in-Naxxar lis-Sur Mario Vella, li ma kienx preżenti għall-attività tal-premjazzjoni.
- Il-Kunsillier Marlon Brincat talab li jiġu diskussi mill-agenda item nru 7, 9, 11 minħabba li kellu jitlaq qabel.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Kunsillier Noel Gatt li ta raġuni għalfejn ma setgħax jattendi. Il-Kunsill qies ir-raġuni ġustifikata.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċidenti.

2.2 Il-minuti ġew approvati wara proposta mill-Kunsillier Mark Anthony Deguara, issekondata mill-Kunsilliera Cuomo. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1 Fis-27 ta' Novembru s-Sindku kellha laqgħa mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura rigward il-Ġnien ta' Santa Marija tal-Anġli Baħar iċ-Ċagħaq.

Preżenti kien hemm is-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsillier Cuomo, Perit Stephen Bonello li hu d-Direttur Ġenerali u l-Inġinier George Xuereb. F'din il-laqgħa qajmu l-punti li qabel ma l-Kunsill jieħu r-responsabilta' tal-ġnien, id-Dipartiment irid jieħu ħsieb dawn il-punti; 1. Is-sistema tad-dawl, 2. Il-funtana tkun taħdem, 3. Tranġar tal-fencing, 4. Tranġar tar-railing tat-taraġ, 5. Ċavetta tal-latrini. Il-minuti ġew mibgħuta lid-diviżjoni u maqbula dwarhom. Is-Sindku rċiviet diversi lmenti rigward il-fencing minħabba li hu ta' periklu. Hi kitbet lill-Inġinier Xuereb rigward dan il-periklu. L-Inġinier irrisponda lid-Dipartiment mhux lest ikun responsabbli u għalhekk il-ġnien għandu jingħalaq għal pubbliku. Hi jidhrilha li dan mhux aċċettabbli. Hija poġġiet id-dokumenti fuq il-mejda għad-dispożizzjoni tal-membri.

3.2 Fit-2 ta' Diċembru is-Sindku kellha laqgħa man-Naxxar Induction Hub School. Dawn għandhom 300 student barrani minn diversi nazzjonijiet li jgħixu Malta. Huma jgħallmuhom l-Ingliż u l-Kultura Maltija. Is-Sindku kienet mistiedna żżur din l-iskola u kienet impressjonata bix-xogħol li qiegħed isir. Hi tkellmet ma' Sindki barranin fejn offrew li jagħmlu donazzjoni ta' kotba.

3.3 Fit-3 ta' Diċembru s-Sindku kellha l-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana. F'din il-laqgħa kien diskuss; 1. Victoria lines – Ir-Reġjun qablu mad-devoluzzjoni biex isir ix-xogħlijiet flimkien, 2. Ir-Reġjun se jagħmel sejħa tal-offerti tal-Contracts Manager, 3. Fit-8 ta' Jannar se jkun hemm Culture Seminar li se jattendi l-Kunsillier Ivan Gaffiero, 4. LESA – Se jkun hemm fondi għal Cleaning Initiative li l-NGO ŻIBEL se tkun qed tagħmel tindif fil-baħar. Dwar din se jkollna aktar informazzjoni 'l quddiem, 5. Achievers Proposal – Madwar 40/50 żgħażugħ se jintażlu biex imorru Sqallija biex isir expedition etc, 6. Se jkollna kuntatti ġodda mill-Ungerija u Budapest għal networking.

3.4 Fis-6 ta' Diċembru saret il-mixgħela tad-dawl tal-Milied fi Triq tal-Labour. Hija rringrazzjat lill-Kunsillieri kollha li attendew u lill-Kunsillier Gaffiero u lill-Amministrazzjoni tal-organizzazzjoni.

3.5 Fl-10 ta' Diċembru saret laqgħa ta' Żvilupp tal-Libreriji Lokali. Il-Kunsill kien applika sabiex jieħu l-fondi iżda għal xi raġuni l-applikazzjoni ma waslitx għand Skemi Local Government. Is-Segretarju Eżekuttiv kiteb lid-Dipartiment sabiex jirrimedja l-applikazzjoni biex il-Kunsill ma jitlifx l-opportunità tal-fondi.

3.6 Fit-2 ta' Diċembru saret laqgħa urġenti rigward il-kuntratt tar-Restawr tal-Mitħna. Il-Perit bagħat ittra lil kuntratturi li x-xogħol għandu jinbeda mill-aktar fis. Fl-10 ta' Diċembru ġie ffirmat il-kuntratt u fis-16 ta' Diċembru bdew ix-xogħlijiet.

3.7 Fil-11 ta' Diċembru saret l-attività ta' Jum in-Naxxar li fiha ngħata l-premju ta' Ġieħ in-Naxxar lis-Sinjura Mary Spiteri. Hija rringrazzjat lill-Kunsillieri kollha li attendew u lill-Kunsillier Gaffiero u lill-Amministrazzjoni tal-organizzazzjoni.

3.8 Fit-23 ta' Diċembru l-GAL Majjistral se jtellgħa laqgħa ġewwa l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Preżenti se jkun hemm il-Kunsilliera Mary Anne Cuomo.

3.9 Is-Sindku fakkret fil-proposta ta' parkeġġ fis-Salina li kienet għaddiet lill-uffiċjal ta' TM ġimgħat ilu iżda baqgħet bla risposta. Hija tħoss li l-Kunsill m'għandux jistenna aktar u għalhekk, bil-permessi u mingħajrhom il-Kunsill għandu jipproċedi biex ma jkomplux ibagħtu aktar ir-residenti.

**4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'A, kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet. Dawn huma annessi f'B u Ċ.

5.3 Ġie ppreżentat ir-rapport dwar il-kwotazzjonijiet tal-evalwaturi. Dawn il-proposti kienu milqgħuha wara proposta mill-Viċi Sindku, issekondata mill-Kunsillier Abela.

**6. RESPONSABBILTAJIET TAL-KUNSILLIERI**

6.1 Is-Sindku talbet rapport mingħand il-kunsillieri rigward l-affarijiet li ħadmu fuqhom mill-bidu tal-leġislatura u anke dwar il-pjan ta' xogħlijiet li għad irridu jsiru.

**7. IL-PROĠETT TAL-ĠNIEN TA' TRIQ TAL-LABOUR**

7.1 Ġie diskuss il-proġett.

7.2 Il-Kunsillieri issuġġerew biex jiltaqgħu mal-Perit u jiddiskutu l-proġett aktar fid-dettal.

**8. RAPPORT TAL-EVALWAZZJONI TAL-OFFERTI TAL-ĠONNA**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport u spjegalhom fid-dettal l-offerti tal-offerenti.

8.2 Il-Kunsill approva r-rapport wara proposta mill-Kunsillier Deguara, issekondata mis-Sindku.

**9. POŻIZZJONI TAL-KUNSILL DWAR PC 111/18**

9.1 Preżenti għall-laqgħa kien hemm ir-resident il-Perit Robinson fejn spjega l-proposta tiegħu għal skedar tal-Barumbara u għamel preżentazzjoni dwar l-impatt li jħoss li se jkun hemm fuq ir-residenti jekk jintlaqa' l-permess.

9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ittra draft rigward PC 111/18.

9.3 Kien maqbul li f'dan l-istadju l-Kunsill jirreġistra bħala objector imbagħad jgħaddi l-kummenti fid-dettall il-quddiem.

**10. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

10.1 Il-Kunsill qabel li l-lagħat jibdew isiru nhar t'Erbgħa u jibdew fis-5.45pm. Il-laqgħa li jmiss se ssir fit- 22 ta' Jannar 2020 fis-5.45pm.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**